# IZ-ZIJA PEPP

Ta' Ġ. ABELA

Kien il-Ħadd filgħaxija, u l-ġirien ta' Sqaq l-Imnara ressqu l-banketti u s-siġġijiet u bdew jirrakkuntaw fuq l-imgħoddi.

"Mela, qed isemmu z-zija Pepp", qalet Mananni, "isimgħu din".

"Iz-zija Pepp, Alla jaħfrilha, kienet baqgħet xebba. Kellha terran, ħallihulha missierha, u kienet ilha toqgħod fih xi ħamsin sena. Meta kienet għadha żagħżugħa, kien fiha biċċa ta' tifla, Alla jbierek, u kellha ħafna min iridha. Imma z-zija Pepp ma kinitx tad-dinja, u kulħadd kien igħid li soru għad issir.

"Mela jitfa' għajnejh fuqha Wiġi tal-Buqajru, u bdew jitkellmu. Jien l-istorja nafha mingħandha għax minn mindu kont naqra ta' tifla dejjem għandha kont issibni."

"Naħseb ħallietlek xi sold, Manann." qalet waħda biex tiċċajta.

"Issa ħallietli x'ħallietli, erħina minn dan. U biex ma ntawwalhiex bdew jinnamraw, dan Wiġi u z-zija Pepp, u kulħadd ħaseb li dalwaqt jagħtu l-kelma.

"F'daqqa waħda ma rawhomx flimkien iktar. Għandu jkun dan Wiġi ħabat jieħu xi kunfidenzi magħha, u keċċietu. U meta kienu jgħaddu minn ħdejn xulxin, hi tħares naħa u hu jħares oħra.

"Iz-zija Pepp kienet mara nadifa ssemmix. Kull nhar ta' Sibt kienet timla l-buqar bl-ilma fietel u tinħasel fil-friskatur fil-loġġa tal-kċina. U baqgħet tagħmel hekk sakemm xjieħet sewwa.

"Darba t-tfal t'oħti raw raġel taħt il-ħajt tal-bitħa taz-zija Pepp. Għax il-ħajt tagħha, ħajt għoli, kien jagħti għall-għalqa. It-tfal qalu li kien qed jagħmel pipí, imma sikwit kienu jarawh taħt il-ħajt tagħha.

"Dik il-ħabta nhar ta' Sibt wara nofs in-nhar kont immur ngħinha tinħasel, u Sibt minnhom fettilli ngħaddi mit-triq ta' wara, u ja sidi nilmaħ lil Wiġi tal-Buqajru lest minsub wara l-ħajt taz-zija Pepp, u b'għajnejh mat-toqba li kien hemm fil-ħajt.

"Malli dħalt iz-zija kienet ġa bdiet tgħalli l-ilma, u għedtilha: 'Zi, għax ma tinħasilx fil-kamra?'

"Qaltli: 'U ħallina minnek int! Dik il-kamra tagħmel id-dlam u ma nara xejn. U ma rridx inxerred ilma hemm ġew, lanqas. Isma' mbagħad, dan għalfejn?' staqsietni bil-ħatfa.

"Għedtilha: 'Inti taf min ikun qed jittawwal minn wara l-ħajt talbitha?'

"Qaltli: 'U le, binti, fejn sejra b'rasek? U mbagħad lili x'jistgħu jarawli! Issa morna, Manann!' u bdiet tidħak.

"Jien ma ridt ngħidilha xejn iktar għax żgur kienet tagħtiha pupplesija. Insomma dak in-nhar tajt dahri lejn il-ħajt u rranġajt kif stajt. Imma s-Sibt ta' wara għattiet nofs il-loġġa b'biċċa liżar qadim.

"Mela, xi sena qabel mietet kienet għotrot għal kollox, u Karmni tiegħi kienet dejjem magħha. Kien is-sajf niftakar. Fettlilha tinżel missodda għax riedet il-barmil, u la naf ħassha ħażin qabel u lanqas wara, naf li meta Karmni ġiet għalija sibtha fl-art barra minn sensiha, u l-barmil b'kollox maqlub fl-art. Għandu jkun ippruvat toqgħod fuqu u poġġiet fuq ix-xifer.

" 'Ma poġġietx fiċ-ċentru, insomma,' qalet waħda, u kulħadd iżomm żaqqu bid-daħk.

"Jien u Karmni ippruvajna nerfgħuha. X'terfa' terfa'! Fl-aħħar għedt 'il Karmni, għedtilha 'Karm, ara ssibx xi raġel barra u għidlu jiġi jtina daqqa t'id.' Sadattant jiena ippruvajt nerfagħha ftit minn hemm u nerfagħha ftit minn hawn, u tista' tgħid kont għoddni neżżajtha. F'daqqa waħda tidħol Karmni bir-raġel li sejħet, u dan ir-raġel jinzerta Wiġi tal-Buqajru li meta ħares lejha kienet kważi kif ħalaqha Alla.

"Insomma, f'kemm ili ngħidlek erfajnieha u irranġajnielha ħwejjiġha, u poġġejnieha fuq is-siġġu. Għedtlu: 'Issa kollox, Wiġ.' U miskin telaq.

"Meta ġiet f'sensiha m'għednielha xejn min kien ir-raġel li ġie jgħinna.

"Imma biex tara kif jiġu l-affarijiet!"

"'Mela qed insemmu 'l Wiġi, isimgħu din," qalet waħda fosthom. U komplew jirrakkuntaw.